Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,605, 9 ta' April, 2021
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XVI tal-2021

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT li jemenda l-liġijiet relattivi għall-ħatra ta' persuni ta' fiduċja.

ACT No. XVI of 2021

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to provide for the amendment of the laws relative to the appointment of persons of trust.

Verżjoni Elettronika

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **GEORGE VELLA**
President

9 ta' April, 2021

ATT Nru XVI tal-2021

ATT li jemenda l-liġijiet relattivi għall-ħatra ta' persuni ta' fiduċja.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2021 dwar il-Ħatra ta' Persuni ta' Fiduċja. Titolu fil-qosor.

TAQSIMA I
Emendi tal-Att dwar *Standards* fil-Ħajja Pubblika

2. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar *Standards* fil-Ħajja Pubblika, u għandha tinqara u tinftiehem bħala ħaġa waħda mal-Att dwar *Standards* fil-Ħajja Pubblika, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ bħala "l-Att prinċipali". Emendi għall-Att dwar *Standards* fil-Ħajja Pubblika. Kap. 570.

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

3. Fl-artikolu 2 tal-Att prinċipali t-tifsira "persuna ta' fiduċja" għandha tiġi sostitwita b'din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "persuna ta' fiduċja" tfisser:

(i) kwalunkwe impjegat jew persuna ingaġġata direttament minn barra s-servizz pubbliku u s-settur pubbliku sabiex taġixxi bħala konsulent jew persunal fis-segretarjat privat ta' Ministru; jew

(ii) kwalunkwe impjegat jew persuna ingaġġata direttament minn barra s-servizz pubbliku u s-settur pubbliku sabiex taġixxi bħala konsulent jew persunal fis-segretarjat privat ta' Segretarju Parlamentari; jew

(iii) persuna ingaġġata f'każ illi kariga tibqa' vakanti wara sejħiet pubbliċi ripetuti għall-ingaġġ; jew

(iv) persuna li tkun ġiet ingaġġata skont il-proċedura stabbilita taħt l-artikolu 6A tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika.".

Kap. 595.

Emenda tal-artikolu 22 tal-Att prinċipali.

4. Fis-subartikolu (6) tal-artikolu 22 tal-Att prinċipali, il-kliem "jew lill-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jew direttament lill-Avukat Ġenerali" u l-kliem ", skont kif ikun il-każ," għandhom jiġu mħassra.

TAQSIMA II
Emendi tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika

Emendi għall-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika. Kap. 595.

5. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ bħala "l-Att prinċipali".

Żieda ta' artikolu ġdid fl-Att prinċipali.

6. Minnufih wara l-artikolu 6 tal-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Persuni ta' fiduċja.

6A. (1) Il-Ministri u s-Segretarji Parlamentari jistgħu jingaġġaw direttament, fuq bażi ta' persuni ta' fiduċja, individwi minn barra s-servizz pubbliku u s-settur pubbliku:

(a) biex jaġixxu bħala konsulenti għal Ministru jew Segretarju Parlamentari; jew

(b) biex jaġixxu bħala persunal tas-Segretarjat ta' Ministru jew Segretarju Parlamentari; jew

(ċ) f'każ li wara sejħiet pubbliċi ripetittivi għal ingaġġ, kariga tibqa' vakanti:

Iżda persuni ta' fiduċja ma għandhomx jiġu meqjusa bħala uffiċjali pubbliċi jew impjegati pubbliċi.

(2) Persuni ta' fiduċja għandhom jiġu ingaġġati fuq kuntratt għal terminu ta' żmien fiss:

Iżda persuna ingaġġata f'din il-pożizzjoni ma għandhiex tilħaq status indefinit jekk tkun impjegata għal iżjed mil-limitu legali stipulat fil-Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Terminu ta' Żmien Fiss, fuq il-bażi li l-ingaġġ huwa marbut ma' Ministru jew Segretarju Parlamentari partikolari fejn iż-żamma ta' livell ogħla ta' fiduċja huwa meħtieġ bis-saħħa tan-natura tal-pożizzjoni u fejn livell għoli ta' fiduċja huwa oġġettivament element essenzjali tar-relazzjoni ta' impjieg.

L.S. 452. 81.

(3) In-numru ta' persuni li jistgħu jiġu ingaġġati u l-kundizzjonijiet tal-impjieg ta' persuni ta' fiduċja għandhom jiġu stabbiliti fil-manwal pubblikat mill-Uffiċċju tal-Kabinett li għandu jkun imqiegħed fuq il-mejda tal-Kamra.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 445 tal-24 ta' Marzu, 2021.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati